MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 2118/1999/1

**Venera Sammut u Alfred Mizzi bhala Diretturi ghan-nom u in**
**rappresentanza tas-socjeta' kummercjali AP Limited, kif**
**ukoll l-Avukat Dottor Dominic A. Cassar u l-Prokuratur Legali**
**Carmen Depasquale**
**vs**
**1. Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali; u**
**2. Anthony Cardona, Joseph Oliver Ruggier u Charles Camilleri bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Portland Investments Company Limited; u**
**3. Paul u martu Mary Buhagiar u George Buhagiar u ommu**
**Pauline Buhagiar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti Venera Sammut u Alfred Mizzi bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali AP Limited, ta' l-Avukat Dottor Dominic A. Cassar u l-Prokuratur Legali Carmen Depasquale fl-4 ta' Ottubru, 1999, li *in forza* taghha, wara li esponew :

Illi, b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-31 ta' Mejju, 1999 (Citazz. Nru. 171/94 NA) fl-ismijiet "Venera Sammut u Alfred Mizzi bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali AP Limited vs Anthony Cardona, Joseph Oliver Ruggier u Charles Camilleri bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Portland Investments Company Limited u Paul u Rocco ahwa
Buhagiar", Din l-Onorabbli Qorti Iddikjarat u iddecidiet illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-porzjoni ta' art fi Triq il-Parilja, Santa Venera, tal-kejl ta' cirka seba' mija u seba' u tletin metru kwadru (737 m.k.), bl-ispejjez kontra l-konvenuti f'din il-kawza;

Illi, permezz ta' taxxa mahruga mill-intimat Registratur tal-Qrati li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dok. A id-dritt ta' l-Avukat u l-Prokuratur Legali u d-dritt tar-Registru relattiv gew intaxxati dritt Avukat fit-talba tmenin Liri Maltin (Lm8O) u terz ta' tmenin Liri Maltin (Lm8O) lill-Prokuratur Legali u dritt tal-Kontro-talba hamsa u hamsin Liri Maltin (Lm55) u terz lill-Prokuratur Legali;

Illi skond l-Artikolu 21 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet:

"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 20, fuq il-valur hekk stabbilit. "

Ergo it-talba attrici kif ukoll it-talba tal-intimati in via rikonvenzjonali ghandhom jigu ntaxxati Ad Valorem skond l-Artikolu precedenti fuq il-valur tal-art meritu tal-kawza;

Ghaldaqstant talbu lil din il-Qorti joghgobha Tannulla, Tirrevoka u Thassar kompletament it-tassazzjoni mahruga mir-Registratur Qrati Civili u Tribunali kif reportata fid-Dokument A hawn anness u Tikkundanna u Tordna l-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali jintaxxa u jillikwida l-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji dovuti lill-avukati u prokuraturi legali a bazi tal-valur ta’ l-art deciza favur s-socjeta’ attrici A. P. Limited wara illi taghti l-opportuni provvedimenti;
Rat ir-risposta ta’ Anthony Cardona et noe et, li *in forza* taghha huwa esponew :

1. Illi preliminarjament irid jirrizulta li r-rikorrenti et nomine ntavolaw il-proceduri fiz-zmien ikkontemplat mil-ligi;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f’kull kaz irid jigi ndagat jekk it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti hijiex skond il-ligi;
3. Illi f’kull kaz l-esponenti m’ghandhomx jigu kkundannati jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez stante li ma kellhom x'jaqsmu xejn fl-intaxxar tal-proceduri in kwistjoni;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Lulju, 2000 li permezz tieghu hatret lil Dr Joseph Brincat bhala espert gudizzjarju sabiex jezamina it-talbiet tar-rikorrenti fid-dawl tar-risposta tal-intimata u jirrelata bil-miktub u dana bil-fakultajiet kollha soliti a spejjez provizorjament tar-rikorrenti;

Rat ir-relazzjoni tal-Avukat Dr Joseph Brincatipprezentata u mahlufa minnu fit-23 ta’ Ottubru, 2001;

Rat illi l-espert gudizzjarju ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-relazzjoni tieghu :

“1. Kif jinghad fl-artikolu 64, l-ispejjez gudizzjarji jigu intaxxati u likwidati mir-registratur u t-taxxi ma jistghux jigu attakkati wara l-gheluq ta’ xahar. Dan iz-zmien jghodd ghal dawk illi talbu t-taxxa mill-gurnata li tkun harget it-taxxa. Hija din is-sentenza li tapplika.

2. Mill-atti processwali jirrizulta illi r-rikors gie ipprezentat fl-4 ta’ Ottubru 1999. It-taxxa relattiva harget fl-20 ta’ Awissu 1999.

3. It-taxxa hija dik esebita mir-rikorrenti stess u ghalhekk meta kellhom id-data ta’ l-20 ta’ Awissu 1999 huma kienu prezunti illi huma jafu illi kien hemm iz-zmien ta’ xahar biex jitolbu r-ritassa.

4. Kienu r-rikorrenti stess illi ipprezentawha mar-rikors taghhom. It-tieni parti ta’ l-artiklu 64 jghid illi iz-zmien ta’ xahar jghaddi ghad-debitur li jkun notifikat regolarment b’att gudizzjarju. F’dan il-kaz id-debitur huwa l-intimati u dak iz-zmien itwal huwa koncess lilhom.

Konkluzjoni :

Ghar-ragunijiet premessi ghalhekk u in vista ta’ l-artikolu 64 tal-Kap. 12 it-talba hija perenta u l-Qorti fl-opinjoni ta’ l-perit legali m’ghandhiex tghaddi biex tezaminaha fil-mertu.”

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Marzu, 2002 li permezz tieghu, wara li Dr Anthony Ellul ghall-intimati kollha, ad eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Qorti, iddikjara illi effettivament it-taxxa in kwistjoni kienet giet mitluba mill-intimati kollha ad eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Qorti u mhux mir-rikorrenti, kif jidher li hemm fl-istess rapport, ordnat illi l-process jigi rimess lill-perit legali ghar-relazzjoni tieghu anke fid-dawl ta’ dak li gie dikjarat minn Dr Ellul.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-Perit Gudizzjarju Dr Joseph Brincat ipprezentata u mahlufa minnu waqt is-seduta tas-7 ta’ Novembru, 2007;

Rat il-fatti illi gew ezaminati minn l-imsemmi espert gudizzjarju :

"Jekk wiehed jara t-talbiet li saru f'dik il-kawza u fis-sentenza, isib illi t-talba hija testwalment hekk "tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-porzjoni ta' art fi Triq Parilja, Santa Venera kif tidher bordurata bil-kulur ahmar fuq pjanta hawn esebita u mmarkata dokument A tal-kejl superficjali ta' seba' mija u sebgha tletin metri kwadri (737m2) liema art tikkonfina nofsinhar u lbic ma l-imsemmija Triq il-Parilja, lvant u grigal mal-bini tas-socjeta Easysell Properties Ltd. jew l-aventi causa taghhom."

Il-konvenuti da parti taghhom kienu eccepew ghal dak li hu relevanti, kienu barra l-eccezzjonijiet ghat-talbiet atturi ghamlu rikonvenjoni fejn talbu testwalment

"1. tiddikjara li l-proprjeta legittima tal-porzjoni ta' l-art hawn fuq imsemmija li tinsab Valley Road, B'Kara u li tifforma parti mill-art imsejha Ta' fuq il-Gnien sive ta' Schinas hija in kwantu ghal terz indiviz proprjeta' assoluta tal-konvenuti Paul Buhagiar u l-aventi kawza tal-mejjet Rokku Buhagiar u kwantu ghar-rimanenti zewg terzi indivizi ta' l-istess porzjoni ta' art ta' proprjeta' assoluta tas-socjeta' attrici Portland Investment Ltd.

2. Tordna rilaxx fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat tal-pussess assolut u inkondizzjonat ta' l-istess proprjeta' favur il-konvenuti nomine u fil-porzjonijiet hawn fuq imsemmija."

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet iddecidiet hekk : "ghal dawn ir-ragunijiet ta' fatt u ta' dritt, din il-kawza hija deciza billi l-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti nomine tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' porzjoni ta' art fi Triq il-Parilja, Santa Venera kif tidher bordurata bil-kulur ahmar fuq pjanta esebita fl-atti u mmarkata Dokument A tal-kejl superficjali ta' seba' mija u sebgha tletin metri kwadri (737m2) liema art tikkonfina nofsinhar ma lbic ma l-imsemmija Triq il-Parilja, lvant u grigal mal-bini tas-socjeta' Easysell Properties Ltd. jew l-aventi causa taghhom."

Talba ghal dikjarazzjoni

Jirrizulta manifest illi kemm it-talba attrici u kemm ir-rikonvenzjoni tal-konvenuti huma ghal dikjarazzjoni. L-atturi asserew illi l-art kienet taghhom u riedu li jnehhu kull pretenzjoni li kellhom l-konvenuti fuq l-istess art. Tant hu hekk illi l-kawzali taghhom tac-citazzjoni jaghtu pass pass it-titlu taghhom kif gie u kawzali minnhom tghid "illi a causa tal-pretenzjonijet imressqa mill-konvenuti l-atturi nomine diga' tilfu bejgh bi prezz vantaggjuz ghall-imsemmija art apparti milli inkorrew f'danni ohra" u jkompli illi "l-konvenuti gew interpellati sabiex jiddezistu billi jkomplu jivvantaw xi drittijiet fuq bicca art bbordurata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta hawn annessa…."

Illi mill-kawzali kif ukoll mit-talba jirrizulta ampjament illi l-atturi kienu qeghdin jadixxu lill-Qorti biex ikollhom ukoll barra l-kuntratti, dikjarazzjoni gudizzjarja ta' dak li diga' kien taghhom.

Ma kienu qeghdin jitolbu l-ebda trasferiment ta' xi haga minghand il-konvenuti imma biss il-konferma ta' dak it-titlu li kien taghhom u konsegwentement, il-waqfien ta' kull pretenzjoni da parti tal-konvenuti illi dik l-art kienet b'xi mod tappartjeni lilhom.

Jidher manifest ghalhekk, illi t-talba attrici u anke il-kawzali ma kienu jinvolvu l-ebda kwistjoni ta' valur. Ta' min jghid ukoll illi ghalhekk la fil-kawzali, la fit-talba ma hemm xi indikazzjoni jew kwistjoni ta' valur involuta f'tali dikjarazzjoni. Il-valur jiddependi mit-talbiet u jekk tintalab dikjarazzjoni ta' fatt jew ta' dritt kif anke iddecidiet il-Qorti, dik id-decizjoni ma timpurtax illi kien hemm determinazzjoni ta' valur.

Kif inhi mpustata t-talba hija dikjaratorja u ma timportax valur.

It-talba rikonvenzjonali

Fit-talba rikonvenzjonali l-istess argumenti japplikaw. F’dan il-kaz tat-talba rikonvenzjonali hemm ukoll asserzjoni tad-dritt irrispettivament ta’ x’valur kellha l-art imsemmija fir-rikonvenzjoni. It-tieni talba tal-konvenuti fir-rikonvenzjoni taghhom hija ghar-rilaxx ta’ l-istess proprjeta’.

Din ukoll ma timplikax valur bl-istess mod bhal kawza fejn hemm zgumbrament minghajr titlu, ma tigix intaxxata ad valorem ghaliex il-kwistjoni tkun biss it-titolu a memo u t-tkeccija mill-fond, bl-istess mod it-talba rikonvenzjonali ma tinvolvi l-ebda determinazzjoni ta’ valur illi fuqha kienet tifforma dibattitu quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili illi giet imsejjha biex tiddeciedi l-vertenza bejn il-partijiet. Kieku s’hawnhekk huwa bizzejjed biex jinghad illi t-talba ikkontenuta fir-rikors ghandha tigi michuda illi kellha tigi intaxxata ad valorem.

<u>Artiklu 21 tat-Tariffa E</u>

L-esponenti qieghed jissottolinja l-kliem rilevanti u ser jaghti l-opinjoni tieghu fuqhom u jimmarkahom b’numri minhabba l-ispjegazzjoni li ha jaghti iktar ‘il quddiem.

“Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta’ xi punt ta’ ligi jew ta’ fatt (1), ikollha x’taqsam ma valur (2) deteminat jew determinabbli skond il-ligi jew (3) mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni ikun intaxxat skond il-paragrafu 20 fuq il-valur hekk stabbilit.”

(1) Valur determinat

Mill-atti processwali u anke mit-talba f’dan ir-rikors jew mis-sentenza li giet intaxxata mir-registratur, defenittivament ma hemm l-ebda valur determinat illi johrog mit-talbiet jew mid-decizjoni. Huwa risaput illi r-registratur jintaxxa fuq it-talbiet illi jkun hemm indipendentement mill-fatt jekk il-Qorti tkunx laqghet l-istess ammont determinat li jkun hemm fit-talba.

F’dan il-kaz, pero’, m’hemm l-ebda allegazzjoni minn xi parti jew ohra illi l-valur kien specifikat fit-talbiet jew fis-sentenza.

(2) Determinabbli skond il-Ligi

Biex wiehed jasal ghall-interpretazzjoni ta’ din il-frazi fit-tariffa, ma jistax hlief imur ghal-ligi.

Il-Kap. 12 mill-Artiklu 748 ‘il quddiem jaghti sensiela ta’ regoli kif jista jigi determinat il-valur. Veru li dawn huma r-regoli li ghandhom x’jaqsmu mal-kompetenza tal-qrati, imma huma l-unici regoli li hemm skond il-ligi kif jigi determinat valur f’kawza.

Meta wiehed jara l-artikli wiehed wara l-iehor jasal li l-ebda regola minnhom ma tapplika. Jekk forsi tersaq lejn kaz bhal dan huwa l-Artiklu 761.

Dan l-artiklu 761 jghid li stima tista ssir minn perit jew mill-attur, li pero’ jiddikjara li lest li jaccetta s-somma minnu msemmija flok il-haga. Dan l-artiklu jaghmilha cara li fejn hemm kawzi ta’ valur u bil-valur, l-obligazzjoni tista’ tigi sodisfatta bil-hlas ta’ somma flus. Huwa manifest li d-determinazzjoni ta’ valur f’kazijiet bhal dawn u skond ir-regola tal-ligi tapplika meta l-issue tkun fuq valur. Dan l-artiklu japplika meta jkun hemm talba perezempju ghar-restituzzjoni ta’ oggetti tad-deheb u in difett kundanna ghall-hlas ta’ somma specifika.

Certament hawn mhux il-kaz li mic-citazzjoni l-attur wera li ried jiehu somma flus flok id-dikjarazzjoni minnu mitluba.

(3) Jew jekk il-valur jirrizulta mill-process.

Ma hemmx dubbju li ma hemm l-ebda valur determinat mill-process. Il-kwistjonijiet, u ma kenitx wahda, kienu ta’ natura legali, u kollha punti ta’ dritt, li l-valur taghhom bl-ebda mod ma gie determinat fil-process.

Ta’ min jghid li l-Kodici ta’ Procedura Civili fl-artiklu 747 jaghmilha cara li kollox ghandu “valur”, u f’certi kazi jibqa’

ex lege indeterminat. Filjazzjoni tista, per ezempju, ddahhal persuna f'wirt kbir, u ghalhekk ipotetikament il-kawza tkun dwar valur. Hemm differenza bejn valur in issue, u valur li jiskaturixxi bhala konsegwenza ta' dikjarazzjoni gudizzjarja. Ezempju ta' kaz bhal dan huwa kawza fejn ikun hemm talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta ghal danni, b'riserva ghal-likwidazzjoni tal-istess danni f'gudizzju separat. Id-dikjarazzjoni ta' responsabbilta hija dikjarazzjoni u ntaxxata bhala punt ta' dritt, minkejja li tista twassal ghal decizjoni ta' natura pekunjarja.

Jekk wiehed jara l-kawzali li kien hemm fic-citazzjoni, l-atturi jghidu li sofrew danni minhabba l-agir tal-konvenuti peress li tellfuhom il-bejgh. Ma ressqu l-ebda talba fuq dawn id-danni. Kieku talbu li l-Qorti tara d-dikjarazzjoni mitluba li l-art hija taghhom, li jkun hemm dikjarazzjoni ghar-responsabbilta tad-danni u likwidazzjoni u kundanna hlas, kien ikun tassazzjoni ad valorem fuq il-kundanna ghall-hlas tad-danni.

Ezempju li jigbor kollox huwa ahjar dak fejn xi hadd jigi zgumbrat minn dar peress li kien ghal xi raguni legali qed jokkupa minghajr titlu. Il-kwistjoni tat-titlu kienx hemm jew le, hija dikjarazzjoni ta' dritt. Il-valur sussegwenti ghal attur rebbieh tista tkun konsiderevoli. Valur mohbi u sussegwenti hemm. Imma valur in issue ma hemmx.

Ghar-ragunijiet kollha premessi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tintlaqa' fuq il-kawzali li kellha tigi ntaxxata ad valorem.

KAWZALI IMPLICITA

It-talba tar-rikorrenti hija ghal ritassa, u l-ewwel talba fir-rikors hija ghat-thassir tat-taxxa mahruga kompletament. Ir-rikorrenti jilmentaw li l-ammont taxxa kien baxx wisq. Hekk hija l-interpretazzjoni tal-esponenti u dan johrog implicitament mill-ammont imsemmi ta' LM80 ghall-avukat u terz ghall-prokuratur legali.

Komparat ma dak li gie ntaxxat lill-periti nominati hemm zbilanc konsiderevoli, tenut kont li kien l-istess registratur intimat li ntaxxa drittijiet lill-periti nominati kwazi erba' darbiet dak li thallsu l-avukati bir-responsabbilta professjonali fuq spallejhom.

It-taxxa hija ngusta skond ir-regoli tal-intaxxar kif ser jinghad.

Ir-Registratur ma jistax joqghod biss ghat-talbiet biex jintaxxa, imma jrid ihares lejn l-eccezzjonijiet u hekk dawn gewx decizi fis-sentenza, jew ghad-dikjarazzjoni necessarji moghtija fl-istess sentenza.

Jekk wiehed jara s-sentenza li dwarha harget it-taxxa jsib li l-Onorabbli Qorti ddecidiet diversi punti ta' ligi li kienu in issue, ghalkemm l-ebda wiehed minnhom ma kien taxxabbli ad valorem.

<u>Kif jirrizulta mill-istess sentenza, kien hemm decizjoni dwar il-preskrizzjoni decennali u wkoll dwar il-preskrizzjoni trentennali.</u>

Dawn ukoll dikjarazzjonijiet legali li kellhom jigu ntaxxati, li ma jidhirx li gew intaxxati fl-ammont globali ta' LM 80 jew fil-LM 55 ghall-kontro-talba.

Jidher ukoll li l-kontro-talba giet dibattuta bl-istess qawwa daqs it-talba attrici tant li kien hemm ukoll eskussjoni tal-perit legali, u dan kollox jirrizulta mis-sentenza.

Ghalhekk it-taxxa ta' LM80 ghat-talba u LM55 (flimkien mad-dritt tal-Prokuratur Legali) ghandhom jigu mhassra u sostitwiti.

Konkluzjoni

L-esponenti huwa tal-fehma li r-Registratur ghandu jhassar it-tassazzjoni tad-drittijiet u minflok japplika l-ammont massimu applikabbli ghad-dikjarazzjoni skond it-tariffa applikabbli fil-31 ta' Mejju, 1999, u dan fuq tlett dikjarazzjonijiet, kemm ghal rigward it-talba attrici, u

kemm ghal rikonvenzjoni, u ma kull wahda jizdiedu taxxa fuq zewg dikjarazzjonijiet dwar il-preskrizzjoni trentennali u dik decennali.”

Illi l-partijiet ma pprezentaw l-ebda nota ta’ sottomissjonijiet, minkejja li inghataw kull opportunita illi jaghmlu dan.

Illi wkoll ma giet ipprezentata l-ebda nota ta’ kritika ghar-relazzjoni tal-perit legali.

Il-Qorti rat illi r-rikors thalla ghall-lum ghal sentenza.

Illi l-Qorti, peress illi rat illi ir-relazzjoni tal-perit legali hija imsejsa fuq argumenti legali sodi u korretti, u wara ukoll illi rat illi l-perit legali ezamina sew l-fatti kollha relevanti ghall-kaz odjern, qeghda tadotta l-imsemmija relazzjoni u taghmilha bhala taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, u wara illi rat illi t-taxxa ghandha tigi korretta mir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, illi baqa’ kontumaci f’din il-kawza, il-Qorti filwaqt illi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati Anthony Cardona et noe et, tilqa t-tielet eccezzjoni taghhom, u qeghda tilqa t-talba tar-rikorrenti, u tannulla, tirrevoka u thassar kompletament it-tassazzjoni tad-drittijiet kif rapportata fid-Dokument A anness mar-rikors promotur u tordna lill-intimat Registratur, Qrati Civili u Tribunali sabiex jintaxxa id-drittijiet skond it-tariffa applikabbli fil-31 ta’ Mejju, 1999 u dan fuq tlett dikjarazzjonijiet, kemm ghar-rigward it-talba attrici u kemm ghar-rikonvenzjoni u ma kull wahda jizdiedu taxxa fuq zewg dikjarazzjonijiet dwar il-preskrizzjoni trentennali u dik decennali;

Bl-ispejjez kontra l-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------